


Impressjoni artistika ta' l-Airport Terminal Station.

# Ikkonfermati l-lokalitajiet ta' l-istazzjonijiet għall-linja l-ġdida tal-metro għal Greater Western Sydney

**Il-linja l-ġdida tal-metro bejn St Marys u Western Sydney Aerotropolis ser issir is-sinsla għar-reġjun ta' Greater Western Sydney.**

Il-lokalitajiet eżatti ta' l-istazzjonijiet għall-proġett ta' Sydney Metro – Western Sydney Airport issa ġew ikkonfermati. Ser ikun hemm stazzjonijiet f':

- St Marys
- Orchard Hills
- Luddenham
- Airport Business Park
- Airport Terminal
- Western Sydney Aerotropolis.

Dan il-proġett tal-metro li ser jifforma l-belt ser jgħin it-tkabbir ta' sinifikat nazzjonali f'Western Sydney, b'aċċess mgħaġġel u effiċjenti bejn ċentri residenzjali u ta' impjiegi eżistenti u futuri madwar Greater Sydney.

Il-proġett ser jipprovdi konnessjoni tal-ferrovija essenzjali biex jagħti servizz lil Western Sydney International (Nancy-Bird Walton) Airport l-ġdid u biex jgħin it-tkabbir ippjanat għal Western Sydney Aerotropolis u lokalitajiet kummerċjali u residenzjali futuri.

Sydney Metro ser jagħmilha aktar faċli u malajr biex wieħed jivvjaġġa, waqt li jsaħħaħ il-produttivita` ekonomika billi jgħin impjiegi u opportunitajiet għal edukazzjoni ġodda li huma eqreb għad-dar.

Il-proġett ser jipprovdi stimulu ekonomiku kbir fil-qalba ta' Western Sydney, b'14,000 impjieg waqt il-bini, b'aktar minn 250 apprendistat offruti.

Il-bini huwa ppjanat li jibda tard fis-sena 2020.

## Ġewwa

Stazzjonijiet ġodda għal belt ġdida
Iddisinjar ta' stazzjonijiet ġodda
Tħaffir ta' mini, għajnuna lis-servizzi u infrastruttura
Il-klijent qiegħed fiċ-ċentru
Ħidma mal-komunita`
Ħolqien ta' postijiet ta' kwalita` u lokalitajiet ta' l-istazzjonijiet
Investigazzjonijiet bikrin
Il-passi li jmiss

# Stazzjonijiet ġodda għal belt ġdida

Sydney Metro ilu jaħdem ma' partijiet interessati u industrija biex joħloq proġett li ser iwassal metro rapidu, sikur u affidabbli, li jgħin is-suċċess ta' Western Parkland City futura u li jgħaqqad ir-reġjun mal-bqija ta' Sydney.

## 1 St Marys metro Station



Is-St Marys metro Station propost ser ikun taħt l-istazzjon suburban ta' Sydney Trains eżistenti f'St Marys, wieħed f'Station Street u ieħor f'Harris Street.

Ser tipprovdi skambju faċli, effiċjenti u aċċessibli mal-T1 Western Line eżistenti.

L-istazzjon ser jinkludi pont ġdid li ser jgħaqqad it-tramuntana u n-nofsinhar tal-lokalita' ta' l-istazzjon.

## 2 Orchard Hills Station



L-Orchard Hills Station propost ser ikun fin-naħa tal-lvant ta' Kent Road, fin-nofsinhar ta' Lansdowne Road.

L-istazzjon ser ikollu entratura waħda f' Kent Road b'possibbilta` tat-tieni entratura fil-lvant tal-istazzjon.

L-istazzjon ser jaqdi l-lokalita` residenzjali, kummerċjali u għal użu divers futura.

## 3 Luddenham Station



Il-Luddenham Station propost ser ikun ħdejn Luddenham Road, bejn il-Warragamba pipeline u l-ajruport il-ġdid.

L-istazzjon ser ikollu entratura waħda fin-naħa tal-punent tal-pjattaformi tal-istazzjon.

L-istazzjon ser ikun iddisinjat biex jgħin iċ-ċentru futur ta' impjiegi, riċerka u impjieg ibbażat fuq l-għarfien f'Luddenham, flimkien ma' żvilupp residenzjali u ta' użu divers.




Allinjament tal-proġett.

## 4 Airport Business Park Station



L-Airport Business Park Station propost ser ikun fin-nofsinhar ta' Elizabeth Drive fiċ-ċentru tal-lokalita` ta' Western Sydney International airport.

L-Airport Business Park Station ser isir ċentru ewlieni ta' impjiegi u servizzi fil-Western Economic Corridor.

L-istazzjon tal-metro ser isir skambju ewlieni għall-klijenti li jaħdmu fil-business park.

## 5 Airport Terminal Station



L-Airport Terminal Station propost ser jippermetti aċċess faċli u effiċjenti għall-klijent għall-Western Sydney International airport il-ġdid.

L-istazzjon ser jiftaħ opportunitajiet għal Greater Western Sydney u jgħaqqadha mal-bqija tad-dinja.

## 6 Aerotropolis Station



L-Aerotroplois Station propost ser ikun fil-lvant ta' Badgerys Creek Road, u ser jaqdi lill-qalba kummerċjali ta' Western Sydney Aerotropolis.

Ser ikun hemm żewġ entraturi – waħda fuq in-naħa tal-lvant u l-oħra fuq in-naħa tal-punent tal-istazzjon.

L-Aerotropolis Station ser isir skambju ewlieni għat-trasport, jipprovdi konnettivita` importanti għad-distrett ċentrali tan-negozju ġdid u futur f'Western Parkland City.



Hills Showground Station, Metro North West Line.

## Id-disinn ta' stazzjonijiet ġodda

L-istazzjonijiet huma disinjati biex ikunu parti faċli tal-vjaġġi ta' kuljum.

Teknoloġija avvanzata żżomm il-klijenti konnessi – mill-ippjannar ta' vjaġġ mid-dar permezz ta'  apps ta' l-ivvjaġġar fuq l-ismart phone, għal informazzjoni fuq il-vjaġġ  f'ħin reali fi stazzjonijiet tal-metro u fuq il-ferroviji.

L-istazzjonijet kollha huma disinjati biex jirriflettu l-karattru tal-postijiet lokali li jaqdu, u fejn hu possibli, jinkludu fatturi favur l-ambjent bħal pannelli solari, dawl naturali u ventilazzjoni.

Is-servizzi ġodda tal-metro ser ikunu integrati ma' modi oħra ta' trasport, inkluż skambji mal-ferrovija suburbana ta' Sydney, kif ukoll ma' karozzi tal-linja, ferrovija ħafifa u laneċ.

Is-sigurta` tal-klijenti hija l-prijorita` numru wieħed għall-ewwel ferrovija li hi kompletament awtomatizzata fl-Awstralja.

F'kull ħin, tim ta' kontrollaturi esperti  tal-ferrovija ser jissorveljaw is-sistema, biex jiżguraw li kollox jimxi bla intoppi.

## Tħaffir ta' mini, servizzi ta' għajnuna u infrastruttura

Żewġ mini tal-metro ser jinbnew bejn l-istazzjonijiet St Marys u Orchard Hills u bejn l-istazzjonijiet ta' Airport Terminal u Aerotropolis.

Huwa mistenni li magni li jħaffru l-mini jkunu mnedija minn postijiet f'Orchard Hills u l-Airport Business Park.

Huma proposti li faċilitajiet ta' servizzi ser jinbnew f'Claremont Meadows u f'Bringelly biex jipprovdu ventilazzjoni ta' arja friska għal ġewwa l-mini u għall-ħruġ ta' emerġenza minnhom.

Sydney Metro ser jibni wkoll faċilita' għall-istabling f'Orchard Hills fejn il-ferroviji jinżammu u fejn ikun hemm post fejn isiru l-manutenzjoni u l-operazzjoni meħtieġa biex titmexxa din il-ferrovija tal-metro mingħajr sewwieq ta' klassi dinjija.

Il-linja ta' l-ajruport il-ġdid ser tkun ikkontrollata mis-Sydney Metro Trains Facility – Orchard Hills.



Il-faċilita` għall-ferroviji tal-metro ta' Sydney f'Rouse Hill fuq il-linja Metro North West.




Impressjoni artistika ta' Orchard Hills Station.

## Il-klijent qiegħed fiċ-ċentru

Is-sistema l-ġdid tal-metro ser ikun parti ħafifa mill-vjaġġi ta' kuljum. It-teknoloġija ser iżżomm il-klijenti konnessi matul l-istadji kollha tal-vjaġġ tagħhom – minn apps ta' l-ivvjaġġar fuq l-ismart phone, għal informazzjoni fuq il-vjaġġ f'ħin reali fi stazzjonijiet tal-metro u fuq il-ferroviji.

Dan l-approċċ bieb għal bieb ser jgħin biex il-klijenti ikunu jistgħu jagħmlu dak li għandhom bżonn kuljum, kemm biex imorru x-xogħol, laqgħat, skola jew edukazzjoni, sport, ġurnata barra jew biex jagħmlu l-qadjiet tagħhom – u naturalment biex imorru lura d-dar. Li kull stadju tal-vjaġġ ikun faċli għall-klijenti huwa integrali biex Sydney Metro jitwassal b'suċċess.

Li komunitajiet, skejjel, sptarijiet, destinazzjonijiet importanti u negozji jingħaqdu mas-sistema l-ġdid tal-metro huwa importanti biex jiġu attrattati u jinżammu klijenti, kif ukoll biex jiġu milħuqa għanijiet aktar wesgħin fejn jidħlu trasport u użu ta' art.

Sydney Metro ser jaħdem mal-gvern u mal-komunita` biex iġorr klijenti bejn l-istazzjonijiet tal-metro b'mod aktar faċli.

## Ħidma mal-komunita`

Sydney Metro għandu speċjalisti dedikati fuq ir-relazzjonijiet komunitarji li jissejħu 'place managers' li huma punt ta' kuntatt f'isem Sydney Metro bejn il-komunitajiet lokali u l-partijiet interessati.

Place managers dedikati kienu ipprovduti waqt il-konsultazzjonijiet bikrin u ser ikomplu jkunu ipprovduti matul id-disinn u t-tkomplija tal-proġett.



Avveniment komunitarju minn Sydney Metro.

## Ħolqien ta' postijiet ta' kwalita` u lokalitajiet ta' l-istazzjonijiet

Il-proġett Sydney Metro – Western Sydney Airport huwa opportunita` biex tinbena xi ħaġa aktar minn sempliċi stazzjonijiet tal-ferrovija. Permezz ta' eċċellenza fid-disinn u t-tkomplija, Sydney Metro ser joħloq postijiet li:

- jirrispondu għall-bżonnijet tal-komunita'
- huma uniċi mill-lat ta' arkitettura u huwa faċli biex wieħed idur fihom
- huma intuwittivi u sikuri, u li jippromwovu s-saħħa u l-benesseri tan-nies
- huma attivi u vibranti b'modi diversi kif jintużaw u attivitajiet differenti.

Permezz ta' l-użu ta' prinċipji ta' disinn urban u ħolqien ta' postijiet ta' kwalita`, il-lokalitajiet ta' Sydney Metro ser ikunu joffru xi ħaġa aktar minn post fejn wieħed jaqbad il-ferrovija – ser isiru ċ-ċentru tal-komunitajiet u ser jipprovdu għadd ta' modi kif jistgħu jintużaw.

Sydney Metro ser jaħdem mill-qrib mal-komunitajiet u partijiet interessati dwar kif l-aħjar jiġu integrati stazzjonijiet li sejrin tajjeb, u li huma postijiet akkoljenti għal gost ta' kulħadd, ma' postijiet ġodda għan-nies fejn jgħixu, jaħdmu, jixtru u jilagħbu – u spazji pubbliċi iddisinjati biex jinkoraġġixxu mixi, sewqan tar-rota u interazzjoni soċjali.

## Investigazzjonijiet bikrin

Sydney Metro qiegħed ikompli b'investigazzjonijiet tas-sit skont l-allinjament tal-proġett biex jgħinu fl-ippjanar u d-disinn tal-ferrovija u l-istazzjonijiet. L-attivitajiet jinkludu investigazzjonijiet ġeotekniċi, monitoraġġ tal-istorbju u stħarriġ fuq il-patrimonju u l-ekoloġija.
Il-komunita` tiġi avżata minn qabel fuq ix-xogħlijiet.

Sydney Metro ser ikompli bix-xogħol tal-proġetti tiegħu skont il-parir kurrenti tal-gvern, u ser ikompli jimplimenta d-distanzjar soċjali u miżuri ta' l-ivvjaġġar u iġjene biex jipproteġi lill-membri tal-komunita' u lill-impjegati. Li jitkomplu x-xogħlijiet huwa kritiku biex tiġi żgurata l-kontinwita` tal-proġett, u t-tim tal-proġett ser jirrevedi u jevalwa attivitajiet skont xi aġġornamenti oħrajn.

## Sydney Metro hija l-ewwel sistema tal-ferrovija fl-Awstraljali li hi kompletament aċċessibbli

Il-prodott tat-trasport pubbliku tal-metro ġie ddisinjat biex iwassal servizzi siguri, nodfa u komdi li jkunu fil-ħin, u li huma konvenjenti, effiċjenti, aċċessibbli u faċli biex jintużaw mill-klijenti.

L-istazzjonijiet tas-Sydney Metro huma kompletament aċċessibbli għal persuni b'mobilita' mnaqqsa, persuni bi prems u tfal. Dan jinkludi aċċess bejn il-pjattaformi u ferroviji u lifts fl-istazzjonijiet kollha.



Sydney Metro hija l-ewwel sistema tal-ferrovija fl-Awstralja li hija kompletament aċċessibbli.

## Il-passi li jmiss

It-tim tal-proġett Sydney Metro – Western Sydney Airport ser jiżviluppa dokumenti dettaljati dwar l-ippjanar u evalwazzjoni ambjentali biex jintwerew lill-pubbliku u għal konsultazzjoni mal-komunita'.

Stqarrija dwar l-impatt ambjentali tal-proġett ser ikun muri fil-pubbliku.

Waqt il-perjodu tal-wirja, membri tal-komunita' ser jiġu mħeġġa biex jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar suġġetti li jinkludu l-impatt tal-kostruzzjoni, storbju u vibrazzjoni, aċċess għas-sit u kif jiġu operati t-traffiku u l-metro.

### Il-proċess ta' l-ippjanar ta' NSW għas-Sydney Metro – Western Sydney Airport




It-tim tal-proġett ser jorganizza wkoll serje ta' laqgħat ta' informazzjoni għall-komunita' fejn membri tat-tim Sydney Metro- Western Sydney Airport ikunu jistgħu jwieġbu mistoqsijiet.

Click to play video
**Sydney Metro - Western Sydney Airport Project overview**

## Ikkuntattjana

**1800 717 703** linja ta' informazzjoni għall-komunita' miftuħa 24 siegħa

**sydneymetrowsa@transport.nsw.gov.au**

**Sydney Metro – Western Sydney Airport**, PO Box K659, Haymarket NSW 1240

Jekk għandek bżonn ta' interpretu, ikkuntattja TIS National fuq **131 450** u staqsihom biex iċemplu **1800 717 703**

© Sydney Metro 2020. 20182-WSA 0920 (Maltese)